TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 157/11

**Edmea Caruana**

**vs**

**Bonsons Ltd. – A. Bonello**

Illum 27 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-6 t'April, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' elf mitejn u tlieta w għoxrin ewro (€1,223), rappreżentanti prezz ta' mutur illi kellu diversi difetti, tant li fl-14 ta' Frar 2011, waqaf u ma reġax startja.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi l-mutur kien inxtara f'2009 u beda jkollu xi problemi, pero' dawn kollha ġew irranġati. Illi jidher li fi Frar 2011 il-mutur waqaf u ma reġax startja, baqgħu bil-problema u għalhekk qed titlob il-flus lura.

Is-soċjeta' intimata issottomettiet illi l-mutur ingħata *service* wieħed biss u kull problema li skond l-istess intimat kienet problema żgħira, kollha kienu jitranġaw. Jidher illi din id-darba l-problema hija bil-*compression* u dana ġara wara l-għeluq tal-garanzija u għalhekk ir-rikorrenti huwa obbligat li jħallas għat-tiswija.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota wkoll illi r-rikorrenti uża dan il-mutur, anke mhux kif suppost għax kif juru r-ritratti illi sar xi użu eċċessiv.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE. (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal jikkonkludi illi t-talba tar-rikorrenti mhix aċċettabli stante li l-garanzija spiċċat, waqt il-garanzija l-intimat għamel minn kollox  biex jirranġa l-problemi li kien hemm u għalhekk it-talba tiegħu mhix ġustifikata.

B'ekwita' pero' t-Tribunal jikkonkludi li jekk ir-rikorrenti jieħu l-mutur għat-tiswija għand is-soċjeta' intimata, l-intimat għandu  jnaqqaslu l-ewwel mitt ewro (€100) mill-ispiża tar-riparazzjoni, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**